

Din is-sena jaħbat il-155 anniversarju minn meta twieldet il-parroċċa ġdida tal-Floriana li taf il-bidu tagħha eżattament fil-5 ta' Marzu, 1844. Ġa nkiteb ħafna fuq il-proċess u r-raġunijiet għala l-Floriana nqatgħet mill-Parroċċa ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt dak iż-żmien, speċjalment meta ċċelebrajna l-150 Anniversarju.

Illum mhux ser noqgħod nirrepeti x'wassal għad-diżmembrazzjoni mill-Parroċċa Beltija iżda ser nipprovaw inġibu quddiem għajnejna kif kienet il-Floriana u x'ambjent kienu jgħixu

# META TWIELDET IL-PARROĊĊA

minn NIGEL HOLLAND
Sindku tal-Floriana

fih il-Furjaniżi fis-snin ta' qabel u dawk immedjatament wara li ħadna l-istatus ta' parroċċa awtonoma ddedikata lil San Publju Martri, l-ewwel Isqof ta' Malta.

Kif jaf kulħadd, l-isem Floriana ġej mill-isem Pietro Floriani, inġinier espert li kien intbagħat Malta mill-Papa Urbanu VIII fuq talba tal-Gran Mastru de Paule biex jagħti l-pariri fuq id-difiża tal-Belt Valletta. Wieħed mill-pariri ta' Floriani kien li jinbew swar ġodda quddiem il-Belt biex iservu bħala l-ewwel linja ta' fortifikazzjoni..... li huma s-swar tal-Floriana.

Iżda minkejja din il-konnessjoni mill-aktar intima bejn l-inġinier Floriani u l-belt tagħna, it-twaqqif proprju tal-belt innifisha huwa attribwit lill-Gran Mastru Antonio Manoel de Vilhena u l-Floriana għaldaqstant kienet magħrufa wkoll bħala Borgo jew Citta Vilhena. L-isem Floriana iżda, ilu magħruf mal-poplu għal kważi dawn l-aħħar tliet sekli.

Mat-twaqqif tagħha l-Floriana bdiet tikber u tespandi b'ritmu mgħaġġel, kemm matul il-ħakma ta' l-Ordni ta' San Ġwann, kif ukoll aktar tard matul dik ta' l-Imperu Brittaniku. U huwa lejn dan l-aħħar perjodu li ser nersqu għax aktar fl-iskop ta' din il-kitba.

Fil-fatt mal-bidu tal-ħakma Ingliża f'Malta fil-bidu tas-seklu Dsatax il-Floriana bdiet tara żviluppi ġodda speċjalment mill-Militar Brittaniku u sakemm sirna Parroċċa l-preżenza militari Brittanika fil-Floriana kienet ġa evidenti ferm.

Fost l-iżviluppi kbar inbnew mħażen tal-faħam ġodda fix-Xatt ta' Pinto fl-1811 filwaqt li madwar is-sena 1816 il-Militar baqa' jakkwista aktar bini għall-użu tiegħu, fosthom bini quddiem Sarria, blokk bini biex jakkomoda l-fizzjali li kien sar magħruf bħala l-Gun House u l-bini fejn illum hemm il-Middle Sea Insurance.

Il-Floriana kienet saret belt militari. Fil-ktejjeb 'A handbook, or guide, for strangers visiting Malta' ta' Thomas MacGill stampat fl-1939 insibu li l-kwartieri ('barracks') tal-Floriana kienu jifilħu jakkomodaw 1,000 suldat filwaqt li l-fizzjali kollha li kienu mxerrdin mal-Floriana nġabru fil-bini li ġa semmejna, dak tal-Middle Sea.

Minħabba, li kif għedna, il-Floriana saret belt militari u peress li kien hawn popolazzjoni mdaqqsa ta' nies tas-servizz, ta' bilfors ried ikun hawn ukoll postijiet ta' divertiment u rikreazzjoni għalihom. U faqqsu fil-Floriana numru kbir ta' ħwienet tax-xorb, swali taż-żfin, ristoranti (speċjalment f'Balzunetta) u saħansitra teatru li eventwalment ħa post id-dar ta' Franconi li għamlet żmien isservi ta' manikomju.

Il-preżenza tal-Militar ovvjament ħoloq attività ekonomika kbira fil-Floriana u Alla ħares ma kienx għas-Servizzi għax li kieku l-livell ta' l-għixien tal-poplu kien ikun ferm agħar milli fil-fatt kien. Dan jgħodd mhux biss għall-Floriana imma l-bliet kollha, il-Belt Valletta u tal-Cottonera nklużi, li kienu jdawru l-Port il-Kbir.

Il-qagħda mwiegħra ta' diversi familji Furjaniżi joħroġ miċ-Ċensiment ta' l-1851. Mhux anqas minn 31% tal-popolazzjoni adulta maskili kienu reġistrati bħala li m'għandhomx xi xorta ta' mpjieg, għalkemm din kienet tirrifletti wkoll ix-xejra ta' Malta ta' dak iż-żmien. F'ċensiment li sar fl-1848 speċifikament fuq l-anzjani u l-foqra li ma setgħux għal xi raġuni, jaħdmu, kienu reġistrati fil-Floriana bħala 'tallaba' 57 ruħ.

Ħarsa oħra lejn l-istatistiċi ta' dak iż-żmien turi li n-nies kienu jgħixu l-aktar minn fuq is-servizzi li kienu joffru lill-baħrin u lis-suldati fi ħwienet u 'lukandi', ħajjata, skrapar, fl-industrija tat-tabakk, kuċċiera ta' karozzini, arġentiera, sefturi, eċċ.



# META TWIELDET IL-PARROĊĊA

Skond iċ-ċensiment ta' l-1861 fil-Floriana kien hawn rata għolja ta' arġentiera u sefturi meta mqabbel ma' bliet oħra ta' madwar il-Port. Minbarra dawn li semmejna, meta mqabbel ma' l-irħula, fil-Floriana wkoll kien hawn numru relattivament imdaqqas ta' professjonisti - tobba, avukati, ecc.

Minkejja din l-attività kummerċjali kollha kien hemm anqas min-nofs il-familji li kienu jgħixu minn dħul jew paga regolari, bil-maġġoranza jkollhom dħul irregolari (jiġifieri mhux fiss), fil-waqt li madwar waħda minn kull tmien familji kienet kklassifikata bħal foqra. Kien hemm numru ċkejken li kienu meqjusa bħala sinjuri.

Mal-bidu tas-seklu dsatax fil-Floriana kien hawn żjieda kbira wkoll fil-bini residenzjali u sussegwetement f'dik tal-popolazzjoni u kienet waħda mill-fatturi li saħħet it-talba għall-parroċċa separata. F'petizzjoni li kienet saret favur id-diżmembrazzjoni tal-Viċi Parroċċa tal-Floriana minn dik tal-Belt intqal li fil-Floriana kien hemm popolazzjoni ta' 7,000 aktar minn darbtejn u nofs dik tal-lum.... għalkemm fiċ-Ċensiment ta' l-1842 sentejn qabel it-twaqqif tal-Parroċċa ġiet reġistrata popolazzjoni ta' 6,114 u f'dak ta' l-1851, fis-seba' sena tal-Parroċċa il-ġdida, ġiet irreġistrata ċ-ċifra ta' ftit anqas minn 7,000 jiġifieri 6,705.

L-espansjoni sostnuta fil-bini residenzjali baqa' sejjer sa l-1865 u miċ-ċensiment ta' l-1861 naraw li l-popolazzjoni laħqet kważi 8,000 ruħ. Pero' hawn irridu nippreċżaw li f'dawn il-figuri jidħru wkoll il-mijiet ta' anzjani li kienu jabitaw fl-Ospizio kif ukoll numru ta' pazjenti li kienu fl-Isptar Ċentrali.

La semmejna l-Ospizio, tajjeb li nerġgħu nirreferu ftit għall-ktieb ta' Thomas MacGill li fih jagħti deskrizzjoni interessanti tal-Floriana tas-snin immedjati qabel ma sirna Parroċċa. Għalkemm hija deskrizzjoni ċkejkna u b'xi ineżattezzi storiċi nafu wkoll li f'dik l-epoka, eżattament fl-1837, kienet faqqgħet epidemija tal-kolera li għamlet ħerba fost id-900 ruħ li kienu alloġġjati hemm ġew.

Lura għall-popolazzjoni, tajjeb li meta nagħmlu l-paraguni nżommu quddiem għajnejna wkoll li meta twaqqfet il-Parroċċa tal-Floriana din kienet tinkludi wkoll partijiet mill-Ħamrun (p.e. Triq San Ġużepp, Triq Villambrosa, Triq Qormi, etc.) u partijiet minn tal-Pieta għaliex dawn kienu għadhom mhumiex parroċċi.

Lejn nofs is-seklu dsatax, u ftit qabel it-twaqqif tal-Parroċċa, il-preżenza militari żdiedet b'rata fenominali meta l-Militar baqa' jakkwista u jiżviluppa aktar proprjetajiet. Fis-snin ta' wara l-Ingliżi komplew ibiddlu l-fiżjonimija tal-Floriana b'mod radikali. Fi żmien meta kien Gvernatur ta' Malta Richard More O'Farrell (1847-1851), l-uniku Gvernatur Kattoliku li kellha Malta, kienu saru l-Fosos ta' quddiem il-Knisja ta' San Publju filwaqt li fl-1868 ġie inawgurat it-tieni bieb tal-Bombi.... u baqgħu sejrin b'dan l-iżvilupp sew 'il quddiem fis-seklu li qegħdin fih.



**Il-fosos ta' quddiem il-Knisja**

Xhieda oħra tal-preżenza qawwija tan-nies tas-Servizz fil-Floriana hija li saħansitra qabel it-twaqqif tal-Parroċċa tagħna stess diġà kien hawn qassis Anglikan residenti fil-Floriana biex jaqdi l-ħtiġiet spiritwali tagħhom u laħaq żmien li kien hawn sa erba' ministri Protestanti jabitaw fostna fl-istess ħin.

Il-Furjaniżi għalhekk kienu ta' kuljum iħokku spalla ma' spalla ma' xi baħri jew suldat.... u l-qalb ma tagħrafx fruntieri. Kienu l-ħafna li żżewġu Furjaniżi kemm f'dak iż-żmien kif ukoll fis-snin ta' wara u dan nissel ukoll il-fenomenu tan-numru kbir ta' kunjomijiet Brittaniċi li għadna nsibu fil-Floriana llum.

Jekk nitilqu għal ftit il-konnessjoni Ingliża u nkomplu nibnu quddiem għajnejna d-dehra tal-Floriana u tal-ħajja Furjaniża lejn nofs is-seklu dsatax insibu wkoll żvilupp ieħor importanti fil-belt tagħna.

Jidher li t-twaqqif ta' parroċċa awtonoma, bħal ma ġara f'postijiet oħra anki fi żmienna, serviet ta' katalist



# META TWIELDET IL-PARROĊĊA

għal aktar żvilupp għax minnu nnifsu avveniment bħal dan jagħti aktar identita lill-lokalita li tkun.

U hekk ġara fil-Floriana. Tnax-il sena wara t-twaqqif tal-Parroċċa, jiġifieri fl-1856, fetħet l-iskola ġdida tal-Floriana, li skond E.S. Tonna kienet l-ewwel waħda tax-xorta tagħha f'Malta. Din l-iskola kienet meħtieġa biex taqdi l-bżonnijiet ta' popolazzjoni dejjem tikber u naraw sa sitt snin wara kienu jattendu bejn Infants (tan-nuna) u Primarja erba' mija u sittax-il tifel u tifla. Ċifra fenominali għalina llum. Kważi jaqbdek il-biki meta tikkompara man-numru li jattendu llum fl-iskola ta' Triq Sant Tumas. Indikazzjoni oħra wkoll li fl-epoka li qed nittrattaw l-għajta tat-tfal kienet tidwi mat-toroq tal-Floriana kollha... għajta li qajla nisimgħuha llum ġo Floriana anzjana u f'ċerti ħinijiet semi-deżerta.



L-iskola fi Triq San Tumas bil-ħsarat tal-gwerra

Baħrin, suldati, ħwienet, swali taż-żfin, tfal bil-gzuz.... u qassisin bil-gzuz ukoll. Dak iż-żmien il-kleru tal-Floriana kien jgħodd madwar erbgħin. Dan kollu jpinġilna kwadru ta' Floriana ħajja u vibranti fi żmien meta fl-aħħar wara ħafna taħbit il-Furjaniżi, nistħajjel tant kburin, setgħu jiftaħru li għandhom il-Parroċċa u l-Kappillan tagħhom. Żgur li Floriana ħafna differenti mil-lum.

Nistħajjel kienu kburin bil-Parroċċa ġdida ddedikata lil San Publju għax f'Malta wkoll dan il-qaddis kien igawdi devozzjoni kbira. U bir-raġun. Fl-'Almanacco di Malta' ta' l-1842, sentejn biss qabel it-twelid tal-Paroċċa, insibu fil-kalendarju mad-data tal-21 ta' Jannar il-qaddis tal-jum - S. Pubblio Princ. e Primo Vescovo di Malta, Martri, Malti, Titular (Patrun) tal-Floriana. X'ma kinux kburin il-Furjaniżi bil-Patrun tagħhom, imżejjen b'daqshekk titli u rikonoxxut bħala l-Prinċep u l-ewwel Isqof tagħna l-Maltin, Martri u Malti bħalna. X'ma jkollux devozzjoni kbira mill-Maltin kollha! Kien għadu ż-żmien li ma tfaċċawx fuq ix-xena, veru jew foloz, li attakkaw u għadhom jattakkaw kull tradizzjoni konnessa mal-Patrun tagħna u li wħud minnhom għadhom qed jibku biex ikollna l-ewwel qaddis Malti.

Kif għedt iżda, il-fatt li wieħed ikun awtonomu u indipendenti jimlieh b'aktar kuraġġ u jnissel fih dik il-kburija li ġġiegħlu jkattar ħidmietu biex jiġġustifika wkoll il-fatt u r-raġunijiet li ried jinqata' għal rasu. U hekk ġralha l-Parroċċa tal-Floriana u l-Furjaniżi. Fi żmien li segwa d-diżmembrazzjoni mill-Parroċċa ta' San Pawl tal-Belt, l-opri fil-Knisja tkattru u l-Festa titulari ħadet postha fil-Kalendarju tal-festi nazzjonali u bdiet iżżid minn sena għal sena fil-popolarità fil-gżejjer tagħna.

Għaldaqstant inħasset il-ħtieġa li l-Festi esterni jiġu trasferiti għal data li fiha t-temp ikun aktar ħanin u filwaqt li l-Festa liturġika baqgħet tiġi ċċelebrata f'forma ridotta f'Jannar, ġie deċiż li ssir bis-solennità kollha u bil-Festi esterni b'kollox kull tieni Ħadd ta' fuq l-Għid il-Kbir. Din id-deċiżjoni ġiet attwata għall-ewwel darba fl-1854, eżattament f'għeluq l-10 snin mit-twaqqif tal-Parroċċa u allura eżattament 145 sena ilu. Kien beħsiebni nagħlaq, biex ikollna kwadru komplut tat-twelid tal-Parroċċa tagħna, billi nirreferi għall-ewwel okkorrenzi li nsibu fir-reġistri tal-Knisja tagħna. Ikolli ngħid li ħareġ fatt interessanti, li fil-verità ma kontx qed nistenna, li jikkonferma kemm kienet pervażiva l-preżenza Ingliża fit-tesut tal-komunità Furjaniża ta' dak iż-żmien.

Sibt li kemm fir-Reġistru tal-Magħmudijiet kif ukoll f'dak tal-Mejtin insibu saħansitra minn bikri nett referenzi għall-'anglo-catholicis', li jistgħu jkunu jew Ingliżi Kattoliċi jew 'Anglo Catholics' li huma Protestanti li jqarrbu ferm lejn it-tradizzjoni tal-Knisja Kattolika Rumana. Għandi dubju fil-każ tagħna kemm kien minn ta' l-aħħar għax ma nafx kemm kien permess li dawn jindifnu f'ċimiterju Kattoliku.

# META TWIELDET IL-PARROĊĊA



Fil-fatt it-tieni okkorrenza fir-Reġistru tal-Mejtin mit-twaqqif tal-Parroċċa hija ta' ċertu Ennericus (Henry) Kevil li ġie deskritt bħal 'anglo-catholicis' filwaqt li anki fit-tielet magħmudija rreġistrata fil-Parroċċa l-ġdida nsibu wkoll riferenza għall-'anglo-catholics'.
Intant, l-ewwel tarbija li kellha l-unur li tnizżel isimha fir-Reġistru ġdid fjamant tal-Parroċċa tal-Floriana kien ċertu Pawlu Debattista li tgħammed fis-7 ta' Marzu, 1844, eżattament jumejn wara t-twelid tal-Parroċċa. It-tifel li kien twieled fl-4 ta' Marzu, ġie mgħammed mis-saċerdot Publju Farrugia, Furjaniż, li kien qed jagħmilha ta' Vigarju Kurat (sakemm sena wara sar l-ewwel Kappillan Dun Ġużepp Ellul) u minbarra Pawlu, ingħata wkoll l-ismijiet ta' Franġisku Saverju, Balthasar, Karmenu, Antonju, Gwanni Marija, Publju u Gregorju. Il-ġenituri kienu Franġisku Debattista u Maria nee' Cassar. Il-parrinijiet kienu Ġużeppi Bonnici, bin Gwanni Marija, u Maria Carmela Attard, Mara ta' Karmenu, mill-Belt.
L-ewwel tifla li tgħammdet fil-Parroċċa l-ġdida, li kienet fil-fatt ukoll it-tieni tarbija, ħaslet rasha fit-8 ta' Marzu, 1844. Kienet twieldet fil-jum ta' qabel minn Ġwanni Coleiro u Carol Nee Cassar (jew Cassas) u ħadet l-ismijiet ta' ANTONIA, Franġiska, Ġużeppa, Marija Maddalena, Fortunata, Franġiska Saverja u Publja. Il-parrini kienu Salvator Schembri, bin Fortunat, u Franġiska Cassar (jew Cassas) miżżewġa lil Antonju, kollha mill-Floriana.
Fuq nota ta' dieqa, naraw li l-ewwel okkorrenza fir-Reġistru tal-Mejtin iġġib id-data tas-7 ta' Marzu, 1844 u kienet ta' tifla ta' 11-il sena u 4 xhur, Rosa Vella, bint Franġisku u Maria. Indifnet fil-kannierja tal-Knisja ta' San Publju.
Nagħlqu fuq nota aktar ferriħija u naraw li l-ewwel żwieġ iċċelebrat fil-Knisja, issa mhux aktar Viċi Parroċċa, ta' San Publju kien fl-20 ta' April, 1844. Iċ-ċelebrant kien ukoll il-Vigarju Kurat Farruġia li għaqqad fis-Sagrament taż-Żwieġ lil Franġisku Demanuele, bin Ġużeppi u Sapientia nee' Fenech, u lil Evanġelista Spiteri, bint Ġwanni u Maria Busuttil. Ix-xhieda kienu Ġwakkin Gambin, bin Salvatore, u Ġwanni Calleja, bin Antonju. Dawn kollha kienu mill-Floriana.
Għalaqt fuq nota ta' żwieġ għax bħal miż-żwieġ jitwieldu għall-ħajja ġdida wlied oħra hekk ukoll mit-twaqqif u t-twelid tal-Parroċċa ġdida tal-Floriana tnisslet fil-belt tagħna ħajja ġdida, nifs ġdid li tul il-milja tas-snin bniet komunità kburija bl-identità ġdida tagħha li fost opri oħrajn li wettqet kompliet tkabbar u tabbelixxi t-tempju majestuż iddedikat lill-Prinċep, l-Ewwel Isqof u Patrun ta' Malta, San Publju Martri, Malti bħalna.

FLORIANA AJAX
FOUNDED 1982.

IL-PRESIDENT, KUMITAT TAL-FLORIANA AJAX AFC

JIXTIEQU JAWGURAW IL-FESTA T-TAJBA LILL-MEMBRI KLIJENTI U FURJANIŻI KOLLHA

FIRM
P. CAMILLERI
General Coffee Dealers




139, 142. ST. NICHOLAS STR.,
VALLETTA VLT 02
TEL: 224116
243449
374280